Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

26.6.2017

EMENDI
188 - 418

Abbozz ta' rapport
Laura Ferrara
(PE597.506v01-00)

Proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2016)0467 – C8-0321/2016 – 2016/0224(COD))

Emenda 188
Kristina Winberg

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 189
Auke Zijlstra, Harald Vilimsky, Janice Atkinson, Gilles Lebreton, Marine Le Pen
f'isem il-Grupp ENF

Proposta għal regolament
–

Proposta għal ċaħda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-proposta jenħtieġ li tiġi miċħuda billi tiffaċilita l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Nazzjonali, li jenħtieġ jiġi evitat akkost ta' kollox. Il-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li tingħata lill-applikanti biss fl-eqreb reġjun tal-pajjiż ta' oriġini. B'dan l-approċċ nistgħu nipprevjenu l-migrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin, il-mewt ta' migranti, it-tfixkil fl-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna u t-theddid għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. Barra minn hekk, l-Istati Nazzjonali tal-UE mhumiex simili u għaldaqstant ma jistax ikollhom proċedura komuni.

Emenda 190
Marina Albiol Guzmán, Martina Anderson, Malin Björk, Barbara Spinelli

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt***;	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni u jirreferi t-test lura lill-Kummissjoni***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ġdida konsistenti mal-leġiżlazzjoni internazzjonali u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Rifuġjati;***

Or. en

Emenda 191
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li ***jistabbilixxi*** proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li ***jħassar*** id-Direttiva 2013/32/UE	li ***tistabbilixxi*** proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li ***tħassar*** id-Direttiva 2013/32/UE

Or. en

Emenda 192
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	***DIRETTIVA*** TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li ***jistabbilixxi*** proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li ***jħassar*** id-Direttiva 2013/32/UE	li ***tistabbilixxi*** proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li ***tħassar*** id-Direttiva 2013/32/UE

Or. fr

Emenda 193
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-għan ta' ***dan ir-Regolament*** hu li ***jorganizza*** aħjar, ***jissimplifika u jarmonizza*** l-arranġamenti proċedurali tal-Istati Membri billi ***jistabbilixxi*** proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-għan, qed isiru numru ta' tibdiliet lid-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u ***dik*** id-Direttiva għandha ***tkun imħassra u*** tiġi sostitwita ***minn Regolament***. Ir-referenzi ***għad-Direttiva mħassra*** għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***dan ir-Regolament***.	(1) L-għan ta' ***din id-Direttiva*** hu li ***torganizza*** aħjar, ***tissimplifika u tikkonverġi*** l-arranġamenti proċedurali tal-Istati Membri billi ***tistabbilixxi*** proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-għan, qed isiru numru ta' tibdiliet lid-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[22] u ***għalhekk din*** id-direttiva għandha tiġi sostitwita. Ir-referenzi ***għad-Direttiva 2013/32/UE*** għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***din id-Direttiva***.
[22] Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).	[22] Id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).

Or. fr

Emenda 194
Marina Albiol Guzmán, Barbara Spinelli

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-għan ta' ***dan ir-Regolament*** hu li ***jorganizza*** aħjar, ***jissimplifika u jarmonizza*** l-arranġamenti proċedurali tal-Istati Membri billi ***jistabbilixxi*** proċedura	(1) L-għan ta' ***din id-Direttiva*** hu li ***torganizza*** aħjar, ***tissimplifika u tarmonizza*** l-arranġamenti proċedurali tal-Istati Membri billi ***tistabbilixxi*** proċedura

komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-għan, qed isiru numru ta' tibdiliet lid-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [22] u dik id-Direttiva għandha tkun imħassra u tiġi sostitwita minn Regolament. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***dan ir-Regolament***.

komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-għan, qed isiru numru ta' tibdiliet lid-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [22] u dik id-Direttiva għandha tkun imħassra u tiġi sostitwita minn Regolament. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal ***din id-Direttiva***.

[22] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180 29.6.2013, p. 60).

[22] Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180 29.6.2013, p. 60).

Or. en

Emenda 195
Udo Voigt

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Politika komuni dwar l-asil***, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil*** li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament il-protezzjoni fl-Unjoni. ***Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.***	(2) Politika komuni dwar l-asil li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament il-protezzjoni fl-Unjoni.

Or. de

Emenda 196
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament il-protezzjoni fl-Unjoni. Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju ta' ***solidarjetà u kondiviżjoni ġusta ta' responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri***.	(2) Politika komuni dwar l-asil, inkluża Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Rifuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) hija parti kostitwenti mill-għan tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħ għal dawk li, sfurzati miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament il-protezzjoni fl-Unjoni. Tali politika għandha tkun regolata mill-prinċipju ***tal-affordabilità, billi jitqiesu l-kapaċitajiet*** ta' ***assorbiment tas-soċjetajiet riċevituri kif ukoll l-awtodipendenza massima tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 197
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq standards komuni għal proċeduri tal-asil, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni offruti fil-livell tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' ***akkonljenza*** u sistema li	(3) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq standards komuni għal proċeduri tal-asil, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni offruti fil-livell tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' ***akkoljenza*** u sistema li

tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li qed ifittxu l-asil. Minkejja l-progress li sar s'issa fl-iżvilupp progressiv tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, jeżistu disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri li jintużaw, ir-rati ta' rikonoxximent, it-tip ta' protezzjoni li tingħata, il-livell tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u l-benefiċċji li jingħataw lill-applikanti u lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi ***huma motivaturi importanti ta' movimenti sekondarji u*** jimminaw l-għan tal-iżgurar li f'Sistema Ewropea Komuni tal-Asil l-applikanti kollha jiġu trattati ***b'mod ugwali*** kull fejn japplikaw fl-Unjoni.

tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li qed ifittxu l-asil. Minkejja l-progress li sar s'issa fl-iżvilupp progressiv tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, jeżistu disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri li jintużaw, ir-rati ta' rikonoxximent, it-tip ta' protezzjoni li tingħata, il-livell tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u l-benefiċċji li jingħataw lill-applikanti u lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi jimminaw l-għan tal-iżgurar li f'Sistema Ewropea Komuni tal-Asil l-applikanti kollha jiġu trattati ***bl-ogħla standards u b'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati*** kull fejn japplikaw fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 198
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq standards komuni għal proċeduri tal-asil, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni offruti fil-livell tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u sistema li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li qed ifittxu l-asil. Minkejja l-progress li sar s'issa fl-iżvilupp progressiv tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, jeżistu disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri li jintużaw, ir-rati ta' rikonoxximent, it-tip ta' protezzjoni li tingħata, il-livell tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u l-benefiċċji li jingħataw lill-applikanti u lill-benefiċjarji	(3) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija bbażata fuq standards komuni għal proċeduri tal-asil, ir-rikonoxximent u l-protezzjoni offruti fil-livell tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u sistema li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli għal dawk li qed ifittxu l-asil. Minkejja l-progress li sar s'issa fl-iżvilupp progressiv tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, jeżistu disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fit-tipi ta' proċeduri li jintużaw, ir-rati ta' rikonoxximent, it-tip ta' protezzjoni li tingħata, il-livell tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali u l-benefiċċji li jingħataw lill-applikanti u lill-benefiċjarji

ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi ***huma motivaturi importanti ta' movimenti sekondarji u*** jimminaw l-għan tal-iżgurar li f'Sistema Ewropea Komuni tal-Asil l-applikanti kollha jiġu trattati b'mod ugwali kull fejn japplikaw fl-Unjoni.

ta' protezzjoni internazzjonali. Dawn id-diverġenzi jimminaw l-għan tal-iżgurar li f'Sistema Ewropea Komuni tal-Asil l-applikanti kollha jiġu trattati b'mod ugwali kull fejn japplikaw fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 199
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-6 ta' April 2016,23 il-Kummissjoni stabbiliet l-għażliet tagħha għat-titjib tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, l-aktar biex tistabbilixxi sistema sostenibbli u ġusta għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal dawk li qed ifittxu l-asil, biex tissaħħaħ is-sistema Eurodac, biex tinkiseb aktar konverġenza fis-sistema tal-asil tal-UE, biex ma jitħallewx isiru movimenti sekondarji fl-Unjoni u mandat ġdid għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Din il-Komunikazzjoni hija konformi ma' talbiet li saru mill-Kunsill Ewropew fit-18-19 ta' Frar 2016 24 biex isir progress lejn ir-riforma tal-qafas eżistenti tal-UE sabiex tkun żgurata politika tal-asil umana u effiċjenti. Din tipproponi wkoll triq 'il quddiem skont l-approċċ olistiku għall-migrazzjoni stabbilit mill-Parlament Ewropew fir-rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu tat-12 ta' April 2016.	***imħassar***

23 COM(2016) 197 final.

24 EUCO 19.02.2016, SN 1/16.

Or. en

Emenda 200
Udo Voigt

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex tinkiseb Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li tiffunzjona sew, irid isir progress sostanzjali fir-rigward tal-konverġenza ta' sistemi nazzjonali tal-asil. Il-proċeduri tal-asil differenti kurrenti fl-Istati Membri kollha għandhom ikunu sostitwiti bi proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali applikabbli madwar l-Istati Membri kollha skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)[25] li jiżgura l-puntwalità u l-effikaċja tal-proċedura. Applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jsiru minn ċittadini ta' pajjiżi terzi ***u minn persuni mingħajr stat*** għandhom ikunu eżaminati fi proċedura li tkun irregolata mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, sabiex jiġu żgurati l-ekwità fit-trattament tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, iċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika għall-applikant individwali.	(5) Sabiex tinkiseb Sistema Ewropea Komuni tal-Asil li tiffunzjona sew, irid isir progress sostanzjali fir-rigward tal-konverġenza ta' sistemi nazzjonali tal-asil. Il-proċeduri tal-asil differenti kurrenti fl-Istati Membri kollha għandhom ikunu sostitwiti bi proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali applikabbli madwar l-Istati Membri kollha skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament dwar il-Kwalifika)[25] li jiżgura l-puntwalità u l-effikaċja tal-proċedura. Applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali li jsiru minn ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu eżaminati fi proċedura li tkun irregolata mill-istess regoli, irrispettivament mill-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, sabiex jiġu żgurati l-ekwità fit-trattament tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, iċ-ċarezza u ċ-ċertezza ġuridika għall-applikant individwali.
[25] ĠU L […], […], p. […].	[25] ĠU L […], […], p. […].

Or. de

Emenda 201
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali għandha tillimita l-movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali bejn Stati Membri, fejn tali movimenti jistgħu jkunu kkawżati minn differenzi fl-oqfsa legali, billi tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet diskrezzjonali kurrenti b'regoli armonizzati u billi tiċċara d-drittijiet u l-obbligi ta' applikanti u l-konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi, u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) fi Stati Membri.26	***imħassar***

26 THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

Or. en

Emenda 202
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali għandha tillimita l-movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali bejn Stati Membri, fejn tali movimenti jistgħu jkunu kkawżati minn differenzi fl-oqfsa legali, billi ***tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet diskrezzjonali kurrenti b'***regoli armonizzati u billi tiċċara d-drittijiet u l-obbligi ta' applikanti u l-	(6) Proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali għandha tillimita l-movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali bejn Stati Membri, fejn tali movimenti jistgħu jkunu kkawżati minn differenzi fl-oqfsa legali, billi ***tipproponi*** regoli armonizzati ***aħjar*** u billi tiċċara d-drittijiet u l-obbligi ta' applikanti u l-konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawk

konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dwak l-obbligi, u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) fi Stati Membri.[26]

[26] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

l-obbligi, u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) fi Stati Membri.[26]

[26] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

Or. fr

Emenda 203
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali għandha ***tillimita l-movimenti sekondarji ta' applikanti*** għal ***protezzjoni internazzjonali bejn Stati Membri***, ***fejn tali movimenti jistgħu jkunu kkawżati minn differenzi fl-oqfsa legali,*** billi tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet diskrezzjonali kurrenti b'regoli armonizzati u billi tiċċara d-drittijiet u l-obbligi ta' applikanti u l-konsegwenzi ta' nonkonformità ma' ***dwak*** l-obbligi, u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) fi Stati Membri.[26]	(6) Proċedura komuni għall-għoti u l-irtirar ta' protezzjoni internazzjonali għandha ***toħloq inċentivi biex l-applikanti jibqgħu u jintegraw ruħhom fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom*** għal ***asil***, billi tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet diskrezzjonali kurrenti b'regoli armonizzati u billi tiċċara d-drittijiet u l-obbligi ta' applikanti u l-konsegwenzi ta' nonkonformità ma' ***dawk*** l-obbligi, u toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) fi Stati Membri.[26]
[26] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.	[26] THIS FOOTNOTE IS MISSING. THANK YOU FOR USING ANOTHER LANGUAGE.

Or. en

Emenda 204
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. ***Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont dan ir-Regolament.***	(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 205
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu	(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. ***Skont il-prinċipju ta' non-refoulement,*** persuni li qed ifittxu

preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont dan ir-Regolament.

protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 206
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Dan ir-Regolament għandu japplika*** għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont ***dan ir-Regolament***.	(7) ***Din id-Direttiva għandha tapplika*** għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont ***din id-Direttiva***.

Or. fr

Emenda 207
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-applikazzjonijiet ***kollha*** għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk	(7) Dan ir-Regolament għandu japplika ***biss*** għall-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk

magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont dan ir-Regolament.	magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 208
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Dan ir-Regolament għandu japplika*** għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont ***dan ir-Regolament***.	(7) ***Din id-Direttiva għandha tapplika*** għall-applikazzjonijiet kollha għall-protezzjoni internazzjonali magħmula fit-territorju tal-Istati Membri, inklużi dawk magħmula fil-fruntiera esterna, fl-ilmijiet territorjali jew fiż-żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri, u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali li jkunu preżenti fl-ilmijiet territorjali ta' Stat Membru għandhom jitniżżlu fuq l-art u jkollhom l-applikazzjonijiet tagħhom eżaminati skont ***din id-Direttiva***.
	Or. en

Emenda 209
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Ir-Regolament għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). ***Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw dan ir-Regolament ukoll għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.***	(8) Ir-Regolament għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika).

Or. en

Emenda 210
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Ir-Regolament għandu japplika*** għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw	(8) ***Id-Direttiva għandha tapplika*** għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw

dan ir-Regolament ukoll għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.	***din id-Direttiva wkoll*** għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.

Or. en

Emenda 211
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) ***Ir-Regolament għandu japplika*** għal applikazzjonjiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw ***dan ir-Regolament ukoll*** għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.	(8) ***Id-Direttiva għandha tapplika*** għal applikazzjonjiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarju. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw ***din id-Direttiva wkoll*** għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.

Or. fr

Emenda 212
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8) Ir-Regolament għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat ***jew status ta' protezzjoni sussidjarju***. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw dan ir-Regolament ukoll għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.	(8) Ir-Regolament għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura fejn jiġi eżaminat jekk l-applikanti jikkwalifikawx bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Minbarra l-protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu wkoll, skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom, stati umanitarji nazzjonali oħra lil dawk li ma jikkwalifikawx għall-istatus ta' rifuġjat. Sabiex jiġu standardizzati l-proċeduri fl-Istati Membri, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibilità li japplikaw dan ir-Regolament ukoll għal applikazzjonijiet għal kwalunkwe tip ta' protezzjoni oħra simili.

Or. en

Emenda 213
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, Stati Membri huma marbuta b'obbligi skont strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom huma parti.	(9) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, Stati Membri huma marbuta b'obbligi skont strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom huma parti.

Or. fr

Emenda 214
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi skont strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom huma parti.	(9) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, l-Istati Membri huma marbuta b'obbligi skont strumenti tal-liġi internazzjonali li tagħhom huma parti.

Or. en

Emenda 215
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ	(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ

adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.	adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom. ***Għandu jsir disponibbli finanzjament adegwat għall-awtoritajiet lokali u reġjonali u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali u tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-possibilità għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jaċċessaw direttament il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF).***
	Or. en

Emenda 217
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.	(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.
	Or. fr

Emenda 218
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.	(10) Ir-riżorsi tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għandhom ikunu mobilizzati biex jipprovdu appoġġ adegwat għall-isforzi tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, b'mod partikolari dawk l-Istati Membri li huma ffaċċati bi pressjonijiet speċifiċi jew sproporzjonati fuq is-sistemi tal-asil u tal-akkoljenza tagħhom.

Or. en

Emenda 219
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali***, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi***. Fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ***standards operattivi, indikaturi, linji gwida u*** prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.	(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, l-Istati Membri għandhom ***jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u*** jikkunsidraw prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

Or. en

Emenda 220

Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar ***pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar*** il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.	(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

Or. en

Emenda 221
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet	(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu, jirreġistraw u jeżaminaw applikazzjonijiet

għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' ***dan ir-Regolament***, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' ***din id-Direttiva***, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

Or. fr

Emenda 222
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu**,** jirreġistraw ***u jeżaminaw*** applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.	(11) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tipprovdi lill-Istati Membri bl-assistenza operazzjonali u teknika meħtieġa fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi tipprovdi esperti biex jassistu lill-awtoritajiet nazzjonali biex jirċievu ***u*** jirreġistraw applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, u billi tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar pajjiżi terzi, inkluż informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini u gwida dwar is-sitwazzjoni f'pajjiżi ta' oriġini speċifiċi. Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw standards operattivi, indikaturi, linji gwida u prattiki tajba żviluppati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil.

Or. en

Emenda 223
Ska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, l-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura.	(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, l-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti ***kif ukoll aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas*** sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 224
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ***jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja***, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, l-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura.	(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, l-opportunità li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura.

Or. en

Emenda 225
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, ***l-opportunità*** li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul ***l-istadji*** kollha ***tal-proċedura***.	(12) Fl-interess ta' rikonoxximent korrett ta' dawk il-persuni fil-bżonn ta' protezzjoni bħala rifuġjati fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra jew bħala persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, kull applikant għandu jkollu aċċess effettiv għall-proċedura, ***l-obbligu*** li jikkopera u jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet responsabbli sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti ***kollha*** tal-każ tiegħu u l-garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul ***il-proċedura*** kollha.

Or. en

Emenda 226
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) L-applikant għandu jingħata opportunità effettiva li jippreżenta l-elementi rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu lill-awtorità determinanti. Għal din ir-raġuni, l-applikant għandu, soġġett għal eċċezzjonijiet limitati, igawdi mid-dritt li jinstema' permezz ta' intervista personali ***dwar l-ammissibilità jew fuq il-merti tal-applikazzjoni tiegħu, kif xieraq***. Sabiex id-dritt għal intervista personali jkun effettiv, l-applikant għandu jkun assistit minn	(13) L-applikant għandu jingħata opportunità effettiva li jippreżenta l-elementi rilevanti kollha għad-dispożizzjoni tiegħu lill-awtorità determinanti. Għal din ir-raġuni, l-applikant għandu, soġġett għal eċċezzjonijiet limitati, igawdi mid-dritt li jinstema' permezz ta' intervista personali. Sabiex id-dritt għal intervista personali jkun effettiv, l-applikant għandu jkun assistit minn interpretu u ***medjatur kulturali u*** għandu jingħata l-opportunità li

Emenda 267
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata hekk kif tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet, inkluż il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.	(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata hekk kif tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet, inkluż il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni***, awtoritajiet oħra fdati b'dawn il-kompiti mill-Istati Membri*** u l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.
	Or. en

Emenda 268
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata ***hekk kif*** tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet, inkluż il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.	(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata ***mill-aktar fis wara li*** tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet, inkluż il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 27 (Ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali), f'ċirkostanzi normali l-awtoritajiet għandhom sa tlett ijiem biex jirreġistraw applikazzjoni. Jiena naqbel li r-reġistrazzjoni għandha ssir malajr wara li titressaq l-applikazzjoni, iżda ma tistax dejjem issir fl-istess ħin mal-applikazzjoni.

Emenda 269
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata hekk kif tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet***, inkluż il-gwardji tal-fruntiera, il-pulizija, l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet ta' detenzjoni*** għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.	(23) Applikazzjoni għandha tiġi rreġistrata hekk kif tiġi ppreżentata. F'dan l-istadju, l-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandhom jirreġistraw l-applikazzjoni flimkien mad-dettalji personali tal-applikant individwali. Dawk l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-applikant dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll il-konsegwenzi għall-applikant fil-każ ta' nonkonformità ma' dawk l-obbligi. L-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika li tkun saret l-applikazzjoni***., u jenħtieġ li jkollu aċċess għal interpretu u konsulent legali.*** Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 270
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***huwa*** l-att li ***jifformalizza*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***. L-applikant għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa*** dwar ***kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u għandu jingħata opportunità effettiva biex jagħmel dan***. F'dan l-istadju huwa wkoll meħtieġ li jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja ***u jikkompleta*** l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd	(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***hija*** l-att li ***bih jiġu sottomessi elementi għad-dispożizzjoni tal-applikant li jistgħu jgħinu biex tiġi ssostanzjata*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***b'konformità mal-[Artikolu 4(1) tar-Regolament*** dwar ***il-Kwalifika]***. F'dan l-istadju huwa wkoll meħtieġ li jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi

mill-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. ***F'dak il-mument, l-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika l-istatus tiegħu bħala applikant, u li għandu jkun validu għat-tul ta' żmien tad-dritt tiegħu li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni.***	ppreżentata l-applikazzjoni.
	Or. en

Emenda 271
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***huwa*** l-att li ***jifformalizza l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***. L-applikant għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u għandu jingħata opportunità effettiva biex jagħmel dan. F'dan l-istadju huwa wkoll meħtieġ li jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja ***u jikkompleta*** l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. ***F'dak il-mument, l-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika l-istatus tiegħu bħala applikant, u li għandu jkun validu għat-tul ta' żmien tad-dritt tiegħu li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni.***	(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***hija*** l-att li ***bih jiġu sottomessi l-elementi rilevanti kollha li l-applikant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, b'konformità mal-[Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar il-Kwalifika]***. L-applikant għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u għandu jingħata opportunità effettiva biex jagħmel dan. F'dan l-istadju huwa wkoll meħtieġ li jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.
	Or. en

Emenda 272
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***huwa*** l-att li jifformalizza l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-applikant għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u għandu jingħata opportunità effettiva biex jagħmel dan. F'dan l-istadju huwa wkoll ***meħtieġ li*** jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja u jikkompleta l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. F'dak il-mument, l-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika l-istatus tiegħu bħala applikant, u li għandu jkun validu għat-tul ta' żmien tad-dritt tiegħu li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni.	(24) Il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni ***hija*** l-att li jifformalizza l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-applikant għandu jingħata l-informazzjoni meħtieġa dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u għandu jingħata opportunità effettiva biex jagħmel dan. F'dan l-istadju huwa wkoll ***obbligat*** jippreżenta l-elementi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu meħtieġa biex jissostanzja u jikkompleta l-applikazzjoni. Il-limitu ta' żmien għall-proċedura amministrattiva jibda jgħodd mill-mument li fih tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. F'dak il-mument, l-applikant għandu jingħata dokument li jiċċertifika l-istatus tiegħu bħala applikant, u li għandu jkun validu għat-tul ta' żmien tad-dritt tiegħu li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 273
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Premessa 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24a) Il-kategoriji differenti ta' applikanti għandhom ħtiġijiet ta' informazzjoni differenti u, għalhekk, l-informazzjoni se jkollha tiġi pprovduta b'modi differenti u tiġi adattata għal dawn il-ħtiġijiet. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat li l-minorenni

jkollhom aċċess għal informazzjoni adattata għat-tfal li hija speċifika għall-ħtiġijiet u għas-sitwazzjoni tagħhom. L-għoti ta' informazzjoni preċiża u ta' kwalità għolja lill-minorenni akkompanjati kif ukoll lil dawk mhux akkompanjati f'ambjent favorevoli għat-tfal, jista' jiżvolġi rwol essenzjali kemm biex jiġi pprovdut ambjent tajjeb għall-minorenni kif ukoll biex jiġu identifikati każijiet ta' traffikar issuspettat tal-bnedmin.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Titjib fl-għoti ta' informazzjoni; id-dispożizzjoni tirrifletti suġġeriment tar-Regolament ta' Dublin.

Emenda 274
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin ***u*** b'***ilsien li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b***'mod ***raġonevoli. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni*** ta' ***wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi***.	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin***,*** b'mod ***konċiż u aċċessibbli faċilment permezz*** ta' ***lingwaġġ ċar u sempliċi u bi lsien li jifhem***.

Or. en

Emenda 275
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***b'ilsien*** li jifhem, ***jew li huwa mistenni li jifhem*** b'mod ***raġonevoli***. ***B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi***.	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***bi lsien*** li jifhem, b' mod ***konċiż, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi***. ***It-tfal jenħtieġ li jiġu pprovduti b'informazzjoni b'mod adattat għat-tfal u b'lingwa li jifhmu minn persunal imħarreġ b'mod xieraq***.

Or. en

Emenda 276
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu ***fil-ħin u b'ilsien*** li jifhem***, jew li huwa mistenni li jifhem*** b'mod ***raġonevoli***. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn,	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu ***fil-mument meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali u bi lsien*** li jifhem***. L-***

pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta b' mod ***konċiż, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi***. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità mal-Artikolu 8.

Emenda 277
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***b'ilsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli. ***B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant*** jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix ***il-marki tas-swaba'*** tiegħu ***jew l-immaġni ta' wiċċu***, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, ***l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata*** bħala ***abbandunata,*** huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***bi lsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli. ***Fejn l-applikant ikun ġie infurmat b'mod xieraq dwar l-obbligazzjonijiet tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi u*** jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix ***id-data bijometrika*** tiegħu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, ***l-applikazzjonijiet***

dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.	***jenħtieġ li jiġu rrifjutati*** bħala ***abbandunati;*** huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

Or. en

Emenda 278
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***b'ilsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***bi lsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli***, u fejn possibbli, bl-użu ta' lingwaġġ sempliċi***. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

Or. en

Emenda 279
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***b'ilsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni ***tista'*** tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***bi lsien*** li jifhem, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi ***kollha*** meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni ***jenħtieġ li*** tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

Or. en

Emenda 280
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***b'***ilsien li jifhem***, jew li huwa mistenni li jifhem b'mod raġonevoli***. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma	(25) L-applikant għandu jkun infurmat sew dwar id-drittijiet u l-obbligi tiegħu fil-ħin u ***bi*** ilsien li jifhem. B'kunsiderazzjoni għall-fatt li fejn, pereżempju, l-applikant jirrifjuta li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali billi ma jipprovdix l-elementi meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni u billi ma jipprovdix il-marki tas-swaba' tiegħu jew l-immaġni ta' wiċċu, jew jonqos milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-limitu ta' żmien stabbilit, l-applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala abbandunata, huwa neċessarju li l-applikant ikun infurmat dwar il-konsegwenzi jekk ma jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

jikkonformax ma' dawn l-obbligi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kjarifika tintendi tiżgura li l-applikanti kollha jkunu infurmati b'mod xieraq.

Emenda 281
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ***dan ir-Regolament, il-persunal*** tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu ***jkollhom*** għarfien xieraq u ***għandhom jirċievu*** t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu il-kompiti tagħhom b'mod effettiv.	(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ***din id-Direttiva, l-NGO jew l-individwu li jipprovdu l-għajnuna legali jkollhom id-dritt li jkunu preżenti tul il-proċedura kollha, u l-persunal*** tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu ***jiġi rreklutat abbażi tal-kwalifiki u l-esperjenza permezz ta' proċeduri miftuħa, għandu jkollu*** għarfien xieraq u ***jenħtieġ li jirċievi*** t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu il-kompiti tagħhom b'mod effettiv ***u konformi mad-drittijiet fundamentali***.

Or. en

Emenda 282
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu ***jkollhom*** għarfien xieraq u ***għandhom jirċievu*** t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu il-kompiti tagħhom b'mod effettiv.	(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu ***jkollu*** għarfien xieraq u ***jenħtieġ li jirċievi*** t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż***, fejn meħtieġ,*** bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu il-kompiti tagħhom b'mod effettiv.
	Or. en

Emenda 283
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ***dan ir-Regolament***, il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu jkollhom għarfien xieraq u għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu ***il-kompiti*** tagħhom b'mod effettiv.	(26) Biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ***din id-Direttiva***, il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandu jkollhom għarfien xieraq u għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż bl-appoġġ tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil. Huma għandhom jingħataw ukoll il-mezzi xierqa u l-istruzzjonijiet biex iwettqu ***l-kompiti*** tagħhom b'mod effettiv.
	Or. fr

Emenda 284
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-proċedura fil-punti tal-qsim tal-fruntiera u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-informazzjoni dwar il-possibilità li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun disponibbli. Komunikazzjoni bażika neċessarja biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu jekk il-persuni jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jirċievu l-protezzjoni internazzjonali għandha tkun żgurata permezz ta' arranġamenti għall-interpretazzjoni.	(27) Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-proċedura fil-punti tal-qsim tal-fruntiera u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, ***l-NGOs li jipprovdu l-għajnuna legali jenħtieġ li jingħataw aċċess, u*** l-informazzjoni dwar il-possibilità li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun disponibbli. Komunikazzjoni bażika neċessarja biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu jekk il-persuni jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jirċievu l-protezzjoni internazzjonali għandha tkun żgurata permezz ta' arranġamenti għall-interpretazzjoni. ***Il-persunal li jipprovdi servizzi ta' interpretazzjoni jenħtieġ li jkollu għarfien xieraq u jenħtieġ li jkun irċieva t-taħriġ neċessarju fil-protezzjoni internazzjonali u l-garanziji għad-drittijiet tal-bniedem.***

Or. en

Emenda 285
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-proċedura fil-punti tal-qsim tal-fruntiera u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-informazzjoni dwar il-possibilità li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun disponibbli. Komunikazzjoni bażika neċessarja biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu jekk il-persuni jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jirċievu l-protezzjoni internazzjonali għandha tkun żgurata permezz ta' arranġamenti għall-	(27) Sabiex ikun faċilitat l-aċċess għall-proċedura fil-punti tal-qsim tal-fruntiera u fil-faċilitajiet ta' detenzjoni, l-informazzjoni dwar il-possibilità li ssir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun disponibbli. Komunikazzjoni bażika neċessarja biex tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jifhmu jekk il-persuni jiddikjaraw ix-xewqa tagħhom li jirċievu l-protezzjoni internazzjonali għandha tkun żgurata permezz ta' arranġamenti għall-

interpretazzjoni.	interpretazzjoni. ***Ir-rappreżentanti legali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu servizzi legali jew konsulenza legali jew psikoloġika jenħtieġ li dejjem jingħataw aċċess għall-faċilitajiet ta' detenzjoni, il-punti tal-qsim tal-fruntiera u ż-żoni ta' tranżitu.***
	Or. en

Emenda 286
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li ***l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi*** tagħhom, ***is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.***	(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li ***l-Istati Membri jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ta' applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet tal-membri tal-familja*** tagħhom, ***sakemm dawn jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri.***
	Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt għall-asil huwa personali, u d-dikjarazzjoni personali ta' intenzjoni jenħtieġ li ma titwarrabx. Id-dispożizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet f'isem persuni oħra

jistgħu jwasslu għal abbuż minn netwerks tat-traffikar ta' bnedmin. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi possibilità biex l-Istati Membri jeżaminaw l-applikazzjonijiet tal-membri tal-familja flimkien; din hi l-intenzjoni li tinsab wara t-test propost mill-Kummissjoni.

Emenda 287
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul,*** adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem ***il-konjuġi, is-sieħeb, adulti*** dipendenti u ***minorenni*** fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, ***il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u*** l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.	(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem adulti dipendenti u ***tfal li huma*** minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem ***l-adulti*** dipendenti u ***l-minorenni*** fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.

Or. bg

Emenda 288
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti	(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti

jippreżentaw applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul,*** adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, ***il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u*** l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.

jippreżentaw applikazzjoni f'isem adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.

Or. en

Emenda 289
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Dan ir-Regolament għandu jipprevedi*** l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità	(28) ***Din id-Direttiva jenħtieġ li tipprevedi*** l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità

determinanti. ***Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.***	determinanti.

Or. en

Emenda 290
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. ***Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.***	(28) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti.

Or. en

Emenda 291
Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) ***Dan ir-Regolament għandu jipprevedi*** l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.	(28) ***Din id-Direttiva għandha tipprevedi*** l-possibilità li l-applikanti jippreżentaw applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħhom, is-sieħeb tagħhom f'relazzjoni stabbli u fit-tul, adulti dipendenti u minorenni. Din l-għażla tippermetti l-eżami konġunt ta' dawk l-applikazzjonijiet. Id-dritt ta' kull individwu li jfittex protezzjoni internazzjonali huwa garantit mill-fatt li jekk l-applikant ma japplikax f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, adulti dipendenti u minorenni fil-limitu ta' żmien stabbilit għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni, il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda jista' jagħmel dan f'ismu, u l-adult dipendenti jew il-minorenni għandhom ikunu assistiti mill-awtorità determinanti. Madankollu, jekk applikazzjoni separata mhix ġustifikata, din għandha titqies bħala inammissibbli.

Or. fr

Emenda 292
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Biex ikun żgurat li minorenni mhux akkompanjati jkollhom aċċess effettiv għall-proċedura, dejjem għandu jinħatar kustodju għalihom. Il-kustodju għandu jkun persuna jew rappreżentant ta' organizzazzjoni maħtur biex jassisti u jmexxi lill-minorenni matul il-proċedura bil-għan li jissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll il-benesseri ġenerali tagħhom. Fejn ikun meħtieġ, il-kustodju għandu jeżerċita l-kapaċità legali għall-minorenni. Sabiex jipprovdu appoġġ	(29) Biex ikun żgurat li minorenni mhux akkompanjati jkollhom aċċess effettiv għall-proċedura, dejjem għandu jinħatar kustodju għalihom. Il-kustodju għandu jkun persuna jew rappreżentant ta' organizzazzjoni maħtur biex jassisti u jmexxi lill-minorenni matul il-proċedura bil-għan li jissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll il-benesseri ġenerali tagħhom. Fejn ikun meħtieġ, il-kustodju għandu jeżerċita l-kapaċità legali għall-minorenni. Sabiex jipprovdu appoġġ

effettiv għall-minorenni mhux akkompanjati, il-kustodji ma għandhomx ikunu responsabbli għal numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew ***persun*** responsabbli għall-appoġġ, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kustodji ***fit-twettieq*** tal-kompiti tagħhom. Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess jew permezz tal-kustodju tiegħu. Sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-garanziji proċedurali ta' minorenni mhux akkompanjat, il-limitu ta' żmien sabiex dan jippreżenta applikazzjoni għandu jibda minn meta jinħatar il-kustodju tiegħu u dawn jiltaqgħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-minorenni mhux akkompanjat għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu bl-assistenza tal-awtorità determinanti. Il-fatt li minorenni mhux akkompanjat jagħżel li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess ma għandux jipprekludih milli jiġi assenjat kustodju.

effettiv għall-minorenni mhux akkompanjati, il-kustodji ma għandhomx ikunu responsabbli għal numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn għaxra***. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew ***persuni*** responsabbli għall-appoġġ, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kustodji ***fit-twettiq*** tal-kompiti tagħhom ***b'mod sodisfaċenti. Għandhom ikunu pprovduti u ffaċilitati superviżjoni u monitoraġġ tal-kustodju minn NGOs. Dawk l-entitajiet jew il-persuni għandu jkollhom il-kompetenza wkoll li jeżaminaw l-ilmenti ppreżentati mill-minorenni mhux akkompanjati kontra l-kustodji tagħhom. Għal dan l-għan, il-minorenni mhux akkompanjati għandhom jingħataw informazzjoni b'mod konċiż, trasparenti, li jinftiehem u li jkun faċilment aċċessibbli, permezz ta' lingwaġġ ċar u ħafif, kemm bil-fomm kif ukoll f'forma viżiva, b'mod li jifhmuh it-tfal u f'lingwa li huma jifhmu, dwar min huma dawn l-entitajiet jew persuni u kif jistgħu jressqu lmenti kontra l-kustodji tagħhom b'fiduċja u sigurtà.*** Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess jew permezz tal-kustodju tiegħu. Sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-garanziji proċedurali ta' minorenni mhux akkompanjat, il-limitu ta' żmien sabiex dan jippreżenta applikazzjoni għandu jibda minn meta jinħatar il-kustodju tiegħu u dawn jiltaqgħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-minorenni mhux akkompanjat għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu bl-assistenza tal-awtorità determinanti. Il-fatt li minorenni mhux akkompanjat jagħżel li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess ma għandux jipprekludih milli jiġi assenjat kustodju.

Or. en

Emenda 293
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Biex ikun żgurat li minorenni mhux akkompanjati jkollhom aċċess effettiv għall-proċedura, dejjem għandu jinħatar kustodju għalihom. Il-kustodju għandu jkun persuna jew rappreżentant ta' organizzazzjoni maħtur biex jassisti u jmexxi lill-minorenni matul il-proċedura bil-għan li jissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll il-benesseri ġenerali tagħhom. Fejn ikun meħtieġ, il-kustodju għandu jeżerċita l-kapaċità legali għall-minorenni. Sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-minorenni mhux akkompanjati, il-kustodji ma għandhomx ikunu responsabbli għal numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew ***persun*** responsabbli għall-appoġġ, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kustodji ***fit-twettieq*** tal-kompiti tagħhom. Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess jew permezz tal-kustodju tiegħu. Sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-garanziji proċedurali ta' minorenni mhux akkompanjat, il-limitu ta' żmien sabiex dan jippreżenta applikazzjoni għandu jibda minn meta jinħatar il-kustodju tiegħu u dawn jiltaqgħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-minorenni mhux akkompanjat għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu bl-assistenza tal-awtorità determinanti. Il-fatt li minorenni mhux akkompanjat jagħżel li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess ma għandux jipprekludih milli jiġi assenjat kustodju.	(29) Biex ikun żgurat li minorenni mhux akkompanjati jkollhom aċċess effettiv għall-proċedura, dejjem għandu jinħatar kustodju għalihom. Il-kustodju għandu jkun persuna jew rappreżentant ta' organizzazzjoni maħtur biex jassisti u jmexxi lill-minorenni matul il-proċedura bil-għan li jissalvagwardja l-aħjar interessi tat-tfal kif ukoll il-benesseri ġenerali tagħhom. Fejn ikun meħtieġ, il-kustodju għandu jeżerċita l-kapaċità legali għall-minorenni. Sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għall-minorenni mhux akkompanjati, il-kustodji ma għandhomx ikunu responsabbli għal numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn għoxrin***. L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew ***persuni*** responsabbli għall-appoġġ, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-kustodji ***fit-twettiq*** tal-kompiti tagħhom. Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess jew permezz tal-kustodju tiegħu. Sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet u l-garanziji proċedurali ta' minorenni mhux akkompanjat, il-limitu ta' żmien sabiex dan jippreżenta applikazzjoni għandu jibda minn meta jinħatar il-kustodju tiegħu u dawn jiltaqgħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-minorenni mhux akkompanjat għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni f'ismu bl-assistenza tal-awtorità determinanti. Il-fatt li minorenni mhux akkompanjat jagħżel li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess ma għandux

jipprekludih milli jiġi assenjat kustodju.

Or. en

Emenda 294
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu ***jista'*** jkun applikat bħala raġuni għal inammissibilità fejn l-applikant, minħabba konnessjoni ***sinifikanti*** ma' dak il-pajjiż terz, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż, u hemm raġunijiet biex ikun ikkunsidrat li ***l-applikant*** se jiddaħħal jew jerġa' jiddaħħal mill-ġdid f'dak il-pajjiż. ***Is-sempliċi fatt li l-applikant għadda minn dak il-pajjiż terz fih innifsu jenħtieġ li ma jkunx suffiċjenti biex wieħed jassumi konnessjoni sinifikanti.*** L-Istati Membri għandhom jipproċedu fuq dik il-bażi biss fejn huma jkunu sodisfatti, inkluż, fejn ikun meħtieġ jew xieraq, abbażi ta' assigurazzjonijiet miksuba mill-pajjiż terz ikkonċernat, li l-applikant se jkollu l-possibilità li jirċievi protezzjoni skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra.

Or. en

Emenda 320
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu ***għandu jkun applikat bħala raġuni għal inammissibilità*** fejn l-applikant, minħabba konnessjoni ma' dak il-pajjiż terz ***inkluż wieħed li jkun għadda minnu,*** jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż, u hemm raġunijiet biex ikun ikkunsidrat li ***l-appikant*** se jiddaħħal jew jerġa' jiddaħħal mill-ġdid f'dak il-pajjiż. L-Istati Membri	(37) ***L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li japplikaw*** il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu fejn l-applikant, minħabba konnessjoni ***sinifikanti*** ma' dak il-pajjiż terz, jista' jkun mistenni b'mod raġonevoli li jfittex protezzjoni f'dak il-pajjiż, u hemm raġunijiet biex ikun ikkunsidrat li ***l-applikant*** se jiddaħħal jew jerġa' jiddaħħal mill-ġdid f'dak il-pajjiż. L-Istati Membri

għandhom jipproċedu fuq dik il-bażi biss fejn huma jkunu sodisfatti, inkluż, fejn ikun meħtieġ jew xieraq, abbażi ta' assigurazzjonijiet miksuba mill-pajjiż terz ikkonċernat, li l-applikant se ***jkollu l-possibilità li*** jirċievi protezzjoni skont ***l-istandards sostantivi tal-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra jew se jgawdi protezzjoni ***suffiċjenti,*** b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal residenza legali, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, faċilitajiet ta' akkoljenza, saħħa u edukazzjoni, u d-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

għandhom jipproċedu fuq dik il-bażi biss fejn huma jkunu sodisfatti, inkluż, fejn ikun meħtieġ jew xieraq, abbażi ta' assigurazzjonijiet miksuba mill-pajjiż terz ikkonċernat, li l-applikant se jirċievi protezzjoni skont ***il-Konvenzjoni*** ta' Ġinevra jew se jgawdi protezzjoni ***effettiva ekwivalenti għall-protezzjoni pprovduta lir-rifuġjati f'dak il-pajjiż,*** b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għal residenza legali, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, faċilitajiet ta' akkoljenza, saħħa u edukazzjoni, u d-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem***, mingħajr riskju ta' refoulement għal pajjiż terz ieħor jew ċaħda arbitrarja tal-libertà***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mfassla għall-konsistenza ma' emendi sussegwenti dwar il-kunċett ta' pajjiż terz bla periklu.

Emenda 321
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). ***Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament. Madankollu, fejn minn valutazzjoni prima facie jkun ċar li***	(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika).

applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, l-applikazzjoni tista' tkun irrifjutata għal dik ir-raġuni mingħajr ma tiġi eżaminata l-ammissibilità tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità ma' emendi preċedenti mmirati biex jitneħħa l-eżami tal-ammissibilità bħala rekwiżit qabel l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

Emenda 322
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). ***Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament. Madankollu, fejn minn valutazzjoni prima facie jkun ċar li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, l-applikazzjoni tista' tkun irrifjutata għal dik ir-raġuni mingħajr ma tiġi eżaminata l-ammissibilità tagħha.***	(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika).

Or. en

Emenda 323
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament. ***Madankollu, fejn minn valutazzjoni prima facie jkun ċar li applikazzjoni tista' tiġi rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, l-applikazzjoni tista' tkun irrifjutata għal dik ir-raġuni mingħajr ma tiġi eżaminata l-ammissibilità tagħha.***	(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 324
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament. ***Madankollu, fejn minn valutazzjoni prima facie jkun ċar li applikazzjoni tista' tiġi***	(38) Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun eżaminata fuq il-merti tagħha biex ikun determinat jekk applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (Ir-Regolament dwar il-Kwalifika). Mhux meħtieġ li jkun hemm eżami fuq il-merti ta' fejn applikazzjoni għandha tkun iddikjarata inammissibbli skont dan ir-Regolament.

rrifjutata bħala manifestament mingħajr bażi, l-applikazzjoni tista' tkun irrifjutata għal dik ir-raġuni mingħajr ma tiġi eżaminata l-ammissibilità tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mfassla għall-konsistenza ma' emendi sussegwenti.

Emenda 325
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta	***imħassar***

applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 326
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni ***għandu*** jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni ***hija manifestament mingħajr*** bażi ***minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn***	(39) L-eżami ta' applikazzjoni ***jista'*** jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn ***ikun probabbli li*** applikazzjoni ***għandha*** bażi ***soda.*** Proċedura aċċellerata ta' eżami tista' ***ma tkunx*** applikata għal minorenni mhux akkompanjati ***ħlief fejn ikun probabbli li applikazzjoni għandha bażi soda***.

ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal perezempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' ***tkun*** applikata għal minorenni mhux akkompanjati ***biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 327
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni ***għandu*** jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ***ikun*** ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika***, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn***	(39) ***Jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet determinanti li*** l-eżami ta' applikazzjoni jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ***jista' jkun*** ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami ***jenħtieġ li ma tkunx*** applikata għal minorenni mhux akkompanjati.

ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal perezempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami ***tista' tkun*** applikata għal minorenni mhux akkompanjati ***biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mfassla għall-konsistenza ma' emendi sussegwenti.

Emenda 328
Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika***, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin***. ***Fil-***	(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. bg

Emenda 329
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib ***serju*** ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. ***Fil-każ imsemmi***	(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin.

l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 330
Rachida Dati, Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi	(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, ***bħall-appartenenza f'organizzazzjoni kriminali jew terroristika,*** fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr

l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***Dan l-eżami aċċellerat għandu jippermetti r-ritorn rapidu taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma ddikjarati ineliġibbli għal protezzjoni internazzjonali.***

Or. fr

Emenda 331
Elly Schlein

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn	(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn

applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. ***Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu.

Or. en

Emenda 332
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, jew fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn	(39) L-eżami ta' applikazzjoni għandu jkun aċċellerat u jitlesta f'mhux aktar minn xahrejn f'dawk il-każijiet fejn applikazzjoni hija manifestament mingħajr bażi minħabba li hija talba abużiva, inkluż fejn applikant ikun ġej minn pajjiż ta' oriġini bla periklu jew applikant jagħmel applikazzjoni biss biex jittardja jew ifixkel l-infurzar ta' deċiżjoni ta' tneħħija, ***fejn ikunu nqerdu*** jew ***intremew informazzjoni jew dokumenti rilevanti jew*** fejn ikun hemm tħassib serju ta' sigurtà nazzjonali jew pubblika, fejn l-applikant ma japplikax għal protezzjoni internazzjoni fl-ewwel

applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Stat Membru tad-dħul jew fl-Istat Membru ta' residenza legali, jew fejn applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun qed tiġi eżaminata u li għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin. Fil-każ imsemmi l-aħħar, l-eżami tal-applikazzjoni ma għandux ikun aċċellerat jekk l-applikant ikun jista' jipprovdi ġustifikazzjonijiet sostanzjati għalfejn ikun telaq lejn Stat Membru ieħor mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew inkella ma kienx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, bħal pereżempju f'każ li hu ma kienx infurmat sew u fil-ħin dwar l-obbligi tiegħu. Barra minn hekk, proċedura aċċellerata ta' eżami tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 333
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru ***qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn erba' ġimgħat u wara***	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru***. B'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement, abbażi ta' talba għal protezzjoni internazzjonali,*** l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru ***u japplikaw għall-asil fit-territorju tal-Istat Membru, filwaqt li jirċievu riżorsi suffiċjenti biex ikun iggarantit għajxien deċenti***.

dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. ***Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 334
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn ***erba' ġimgħat*** u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. ***Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata*** proċedura fuq il-fruntiera ***f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista'*** tkun applikata għal	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn ***ġimagħtejn*** u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Proċedura fuq il-fruntiera ***ma tistax*** tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati.

minorenni mhux akkompanjati ***biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 335
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn ***erba'*** ġimgħat ***u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru***. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. ***Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.***	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn ***tmien*** ġimgħat. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu.

Or. en

Emenda 336
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn erba' ġimgħat u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera ***tista'*** tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati ***biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament***.	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn erba' ġimgħat u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera ***ma tistax*** tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda mfassla għall-konsistenza ma' emendi sussegwenti.

Emenda 337
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni

rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami ***dwar l-ammissibilità jew eżami*** fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn erba' ġimgħat u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.	rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex tieħu aktar minn erba' ġimgħat u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità ma' emendi preċedenti mmirati biex jitneħħa l-eżami tal-ammissibilità bħala rekwiżit qabel l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin.

Emenda 338
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex	(40) Ħafna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jsiru fil-fruntiera jew f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru qabel ma tittieħed deċiżjoni rigward id-dħul tal-applikant. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jipprovdu eżami dwar l-ammissibilità jew eżami fuq il-merti li jippermettu li dawn l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi f'dawk il-postijiet f'ċirkostanzi definiti sew. Il-proċedura fuq il-fruntiera ma għandhiex

tieħu aktar minn ***erba' ġimgħat*** u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.	tieħu aktar minn ***ġimagħtejn*** u wara dak il-perjodu l-applikanti għandhom jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru. Huwa biss fejn numru sproporzjonat ta' applikanti jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-fruntieri jew f'żona ta' tranżitu li tista' tiġi applikata proċedura fuq il-fruntiera f'postijiet viċin il-fruntiera jew iż-żona ta' tranżitu. Proċedura fuq il-fruntiera tista' tkun applikata għal minorenni mhux akkompanjati biss fiċ-ċirkostanzi limitati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 339
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-kunċett ta' ordni pubbliku jista', fost l-oħrajn, ikopri sentenza ta' kundanna għat-twettiq ta' delitt gravi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 340
Rachida Dati, Brice Hortefeux

Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(41) Il-kunċett ta' ordni pubbliku jista', fost l-oħrajn, ikopri sentenza ta' kundanna għat-twettiq ta' delitt gravi.	(41) Il-kunċett ta' ordni pubbliku jista', fost l-oħrajn, ikopri sentenza ta' kundanna għat-twettiq ta' delitt gravi. ***Il-kunċetti ta' sigurtà internazzjonali u ordni pubbliku jkopru wkoll delitti gravi li huma l-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, l-atti ta' terroriżmu kif ukoll it-***

traffikar tal-bnedmin.

Or. fr

Emenda 341
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) ***Sakemm applikant ikun jista' jagħti raġuni tajba,*** in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal ***per se*** għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.	(42) In-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt li applikant ikollu d-dokumentazzjoni nieqsa jenħtieġ ma jdgħajjifx l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali.

Emenda 342
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Sakemm applikant ikun jista' ***jagħti raġuni tajba,*** in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul ***jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati*** ma għandux iwassal per se għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.	(42) Sakemm applikant ikun jista' ***juri spjegazzjoni sodisfaċenti rigward*** in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul***, dan*** ma għandux iwassal per se għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 343
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) ***Sakemm applikant ikun jista' jagħti raġuni tajba,*** in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal per se għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.	(42) In-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal per se għal rikors awtomatiku għal proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera.

Or. en

Emenda 344
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) ***Sakemm applikant ikun jista' jagħti raġuni tajba,*** in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul ***jew*** l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal per se għal ***rikors awtomatiku*** għal ***proċedura aċċellerata ta' eżami jew proċedura fuq il-fruntiera***.	(42) In-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul***,*** l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ***jew ir-rifjut tat-twettiq ta' eżami mediku*** ma għandux iwassal per se għal ***determinazzjoni negattiva rigward l-applikazzjoni*** għal ***protezzjoni internazzjonali***.

Or. en

Emenda 345
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Fejn applikant jew jirtira espliċitament l-applikazzjoni tiegħu bir-rieda tiegħu stess, jew ma jikkonformax mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin) jew id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u b'hekk jirtira b'mod impliċitu l-applikazzjoni tiegħu, l-applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata aktar u għandha tkun irriffjutata bħala espliċitament irtirata jew abbandunata, u kull applikazzjoni fl-Istati Membri mill-istess applikant wara din id-deċiżjoni għandha titqies bħala applikazzjoni sussegwenti. Madankollu, l-irtirar impliċitu ma għandux ikun awtomatiku, imma l-applikant għandu jingħata l-opportunità li jirrapporta lill-awtorità determinanti u juri li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi kien dovut għal ċirkostanzi li hu ma kellux kontroll fuqhom.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tal-kunċett ta' rtirar impliċitu jenħtieġ li jiġi limitat sew sabiex ma titqegħidx f'periklu ċ-ċertezza legali u sabiex ma jkunx hemm bażi għal għadd kbir ta' rikorsi li jiswew il-flus.

Emenda 346
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Fejn applikant ***jew*** jirtira	(43) Fejn applikant jirtira espliċitament

espliċitament l-applikazzjoni tiegħu bir-rieda tiegħu stess, ***jew ma jikkonformax mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin) jew id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u b'hekk jirtira b'mod impliċitu*** l-applikazzjoni ***tiegħu, l-applikazzjoni*** ma għandhiex tkun eżaminata aktar u għandha tkun irrifjutata bħala espliċitament irtirata ***jew abbandunata, u kull applikazzjoni fl-Istati Membri mill-istess applikant wara din id-deċiżjoni għandha titqies bħala applikazzjoni sussegwenti. Madankollu, l-irtirar impliċitu ma għandux ikun awtomatiku, imma l-applikant għandu jingħata l-opportunità li jirrapporta lill-awtorità determinanti u juri li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi kien dovut għal ċirkostanzi li hu ma kellux kontroll fuqhom.***

l-applikazzjoni tiegħu bir-rieda tiegħu stess, l-applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata aktar u għandha tkun irrifjutata bħala espliċitament irtirata**.**

Or. en

Emenda 347
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Fejn applikant ***jew*** jirtira espliċitament l-applikazzjoni tiegħu bir-rieda tiegħu stess***, jew ma jikkonformax mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin) jew id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u b'hekk jirtira b'mod impliċitu*** l-applikazzjoni ***tiegħu, l-applikazzjoni*** ma għandhiex tkun eżaminata aktar u għandha tkun irrifjutata bħala espliċitament irtirata ***jew abbandunata, u kull applikazzjoni fl-***	(43) Fejn applikant jirtira espliċitament l-applikazzjoni tiegħu bir-rieda tiegħu stess l-applikazzjoni ma għandhiex tkun eżaminata aktar u għandha tkun irrifjutata bħala espliċitament irtirata**.**

